**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Nru. 455/2022 GM**

**Enemalta Plc (C 65836)**

**Vs**

**Il-Bastiment CHEM P (IMO Nr. 6806444) u l-propjetarja tagħha s-soċjeta` estera RV International DMCC, inkoprorata gewwa l-UAE**

**Il-Qorti,**

Fuq talba tal-Enemalta plc, fit-28 ta' Marzu 2022 inħareġ il-mandat t'arrest kawtelatorju ta' bċejjeċ tal-baħar bin-numru 425/22 kontra - bastiment CHEM P għas-somma ta' €30,000,000 wara li allegatament laqat u għamel ħsara lill-interconnector.

Fl-1 ta' Ġunju 2022, il-Bastiment u s-soċjeta` estera RV International DMCC intavolaw proċedura skont Art. 836(1) tal-Kap. 12 billi sostnew li l-ammont pretiż mhuwiex sostanzjat tenut kont li teżisti garanzija oħra xierqa biex tissodisfa l-valur tal-bastiment. Talbu lill-Qorti tiddikjara li l-garanzija offruta minnhom ta' US$7,100,000 ekwivalenti għal €6,614,140.11 hija biżżejjed *ai termini* tal-Art. 836(1)(e) tal-Kap 12. Talbu wkoll, fin-nuqqas tar-revoka tal-mandat kollu jew in parti, l-impożizzjoni ta' garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali u ta' danni u mgħax.

Fil-21 ta' Ġunju 2022, l-Enemalta plc wieġbet li kienet ġiet notifikata bir-rikors fl-14 ta' Ġunju 2022 u li kienet ingħatat minn din il-Qorti 7 ijiem għar-risposta. Irribattiet li l-mandat inħareġ għal somma ferm inqas mid-danni li issa kienu stmati li jlaħħqu €48,697,749. L-assikurazzjoni tal-bastiment donnha abbandunatu u ma riditx taf b'ebda forma ta' garanzija alternattiva. Il-bastiment m'offriex garanzija xierqa ai termini tal-*Convention on the Limitation of Liability for Maritime Claims 1976* u l-Protokoll tal-1996 kif trasposti fil-liġi Maltija b'S.L.234.16.

Il-Qorti appuntat ir-rikors għas-smigħ u fit-23 ta' Ġunju 2022. L-abbli difensuri tal-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet finali tagħhom bil-fomm u l-Qorti ħalliet ir-rikors għad-digriet *in camera*.

B'rikors tas-27 ta' Ġunju 2022, il-Bastiment u RV International irreferew għall-eċċezzjoni tal-limitazzjoni tal-*liability* li qanqlu fil-kawża fil-mertu (ukoll miftuħa u pendenti quddiem din il-Qorti kif ippreseduta), u ssottomettew li skont kalkolu li

għamlu abbażi tal-*Convention on Limitation of Liability for Maritime Claims* il-*liability* massima li jista' jkollu l-bastiment hi ta' US$17,927,616.37 ekwivalenti għal €17,306,319.50. Fl-aħħarnett sostnew li skont Art. 10(2) tal-Konvenzjoni tal-limitazzjoni tal-*liability* msemmija, m'hemmx għalfejn jiġi kostitwit *limitation fund* biex tiġi nvokata l-limitazzjoni tal-*liability.* Talbu li l-kwantum tal-mandat jiġi mnaqqas għal €17,306,319.50.

Fil-11 ta' Lulju 2022 l-Enemalta wieġbet għar-rikors tas-27 ta' Ġunju 2022 wara li ġiet notifikata bih fis-7 ta' Ġunju (recte: Lulju) 2022. Hija qablet mal-ammont kif ikkomputat. B'danakollu, issottomettiet li l-mandat għandu jkopri wkoll l-ispejjeż ġudizzjarji, li kkalkulat li, skont id-disposizzjonijiet tal-iskeda rilevanti tal-Kap 12, jammontaw għal €1,207,071.91. Tiċċita varji awtoritajiet fil-qasam tal-liġi marittima li jsostnu li l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jiġu miżjuda mal-ammont tal-*liability* massima għalkemm il-Konvenzjoni ma titkellimx dwar l-ispejjeż ġudizzjarji.

Din il-Qorti ma tarax għalfejn, *prima facie*, m'għandhiex iżżid l-ispejjeż ġudizzjarji mal-ammont massimu indikat fil-Konvenzjoni rilevanti, anke għaliex din wara kollox hija applikazzjoni ta' regola tal-bon sens konformi mar-*raison d'etre* tal-mandati kawtelatorji li jħarsu d-drittijiet ta' parti sakemm possibilment tikseb pronunzjament definittiv dwar il-pretensjonijiet tagħha.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' in parte l-ħames talba tar-rikors tal-1 ta' Ġunju 2022 wara li ħadet konjizzjoni tat-tmien paragrafu tar-rikors tas-27 ta' Ġunju 2022

u tar-risposti tal-21 ta' Ġunju 2022 u tal-11 ta' Lulju 2022 billi tnaqqas l-ammont ikkawtelat mill-mandat t'arrest tat-28 ta' Marzu 2022 għas-somma ta' €18,513,319.41.

Spejjeż tal-proċeduri kawtelatorji a kariku tal-bastiment CHEM P u ta' RV International DMCC.

Mogħti kameralment illum 14 ta' Lulju 2022.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA